## FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2002

Citazzjoni Numru: **357/02TM**

Numru**: 22**

**Dottor Carlo Bisazza ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Scandinavian Bunkering AS ta' 198, Old Bakery Street, Valletta**

vs

**Il-Bastiment MV Celtic Horizon (B'digriet tal-Qorti tal-25 ta' April, 2002 gie awtorizzat it-thassir tal-kliem minn 'propjeta' tas-socjeta' sal-kliem'Southella') <u>proprjeta' tas-socjeta' Hart Shipping (Bermuda) Ltd; ta' gross tonnage ta' 1496 tunnellata; net tonnage ta' 539 tunnellata; overall length ta' 69.92 metru u precedentement registrat that l-isem "Southella"</u> ta' Cassar Ship Repair Ltd, Slipway 6, Marsa Cross Road, Marsa**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi fit-2 ta' Novembru, 2000 hi ghamlet fornitura ta' *"bunkers"* lill-bastiment *MV Celtic Horizon,* kif jirrizulta *mid-delivery notes* hawn annessi u mmarkati Dok AF1 u AF2; liema bastiment huwa proprjeta' tas-socjeta' konvenuta (B'digriet tal-Qorti tal-25 ta' April, 2002 giet awtorizzata korrezzjoni u l-kelma 'konvenuta' ghandha tinbidel fil-kliem "Hart Shipping (Bermuda) Ltd" u kull fejn jirrikorru fil-premessi l-ohra il-kliem "is-socjeta' konvenuta" ghandhom jigu sostitwiti bil-kelma "konvenut".

Ippremettiet illi l-istess socjeta' konvenuta hija debitrici lejn l-attur nomine fis-somma bilancjali ta' (US23,600) tlieta u ghoxrin elf u sitt mitt dollaru amerikan illi f'valur monetarju malti skond ir-rata tal-kambju vigenti huma ekwivalenti ghal (LM10,768) ghaxart t'elef u seba' mija u tmienja u sittin lira maltin, rappresentanti ammont bilancjali dovut lill-attur nomine import tal-fornitura fuq imsemmija, u dana fattura hawn annessa u mmarkata Dok AF (3-5).

Ippremettiet illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet indaempjenti, u dana nonostante ittra ta' ammissjoni fejn id-debitu qieghed jigi rikonoxxut mis-socjeta' konvenuta, kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok AF6.

Ippremettiet illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Ippremettiet illi l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Ippremettiet illi l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x'jissolleva.

1. Talbet li tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-arikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannaha thallas is-somma ta' (USD 23,600) tlieta u ghoxrin elf u sitt mitt dollaru amerikan illi f'valur monetarju malti skond ir-rata tal-kambju vigenti huwa ekwivalenti ghal (LM10,768) ghaxart t'elef u seba' mija u tmienja u sittin lira maltin kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, oltre l-imghaxijiet legali mill-presentata tc-citazzjoni sal-hlas tad-debitu ghas-saldu.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta' Qbid Numru 397/01 AC u tal-Mandat ta' Impediment ta' tluq ta' Bastiment Numru Bast 396/01NS, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta gha-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-attur;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**